**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR MICHELA SPITERI LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Novembru 2021**

Kawża Numru: 6/2020 (MS)

Carmen Fenech

vs

Dorien Vella

It-Tribunal

Ra l-avviż tal-attriċi ppreżentat fil-14 ta' Frar 2020 fejn talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna l-konvenut iħallas l-ammont ta' ħames mija u erbgħa u ħamsin Euro u sittin ċenteżmu (€554.60), kwantu għal mija u ħames Euro (€105.00) sehem il-konvenut mill-kont ta' Fr Joseph Farrugia u kwantu għal erba' mija u disgħa u erbgħin Euro u sittin ċenteżmu (€449.60) sehem il-konvenut ta' nofs l-ispejjez ta' saħħa u edukazzjoni tal-minuri Dejan Vella għal perjodu bejn Lulju 2019 u Diċembru 2019, u dan skond kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-nutar Dottor Maria Vella Magro tat-18 ta' Jannar 2019.

Bl-ispejjes tal-preżenti proċedura, tal-ittra ufficjali Nru. 524/2019 u tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju u bl-imgħaxijiet skond il-ligi.

Ra r-risposta tal-konvenut ippreżentat fil-11 ta' Marzu 2020 fejn ċaħad it-talbiet attriċi bħala infondati fid-dritt u fil-fatt stante illi l-attriċi, minkejja diversi

interpellazzjonijiet, qatt ma tat spjegazzjoni ċara kif l-irċevuti preżentati kienu jkopri spejjes ta' edukazzjoni u saħħa tal-minuri; illi ammont sostanzjali tal-irċevuti huma ta' oġġetti jew servizzi li ma jinkwadrawx taħt edukazzjoni u saħħa tal-minuri; salv eċċezjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi permezz ta' din il-kawza, l-attriċi qiegħda titlob nofs l-ispejjes relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni tat-tifel Dejen Vella kif ukoll nofs l-ispejjes ta' attivitajiet extra-kurrikulari. Min-naħa l-ohra, il-konvenut jargumenta illi ħafna minn dawn l-ispejjes ma jkoprux spejjes ta' saħħa u edukazzjoni u huma personali u għalhekk m'għandhomx jiġu kkunsidrati.

Illi rriżulta mill-provi illi l-partijiet kienu miżżewġin u kellhom tifel. Sussegwentement isseparaw peremzz ta' kuntratt ta' separazzjoni tat-18 ta' Jannar 2019, esebit fl-atti bħala Dok A. Skond l-istess kuntratt, l-ispejjeż relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri inkluż ukoll spejjes ta' attivitajiet extra-kurrikulari għandhom jitħallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet u dawn l-ispejjeż ikunu dovuti wara li jkunu ngħataw id-debita irċevuta. Spejjeż li jeċċedu l-ammont ta' mija u ħamsin Euro kull spiża għandhom jsiru biss wara konsultazzjoni u qbil bejn iz-zewġ partjijiet.

Ikkunsidra

Illi l-attriċi xehdet permezz ta' affidavit. Qalet illi ġabret l-irċevuti li kellha u għaddiethom lil konvenut, iżda hu baqa ma ħallasx l-ispejjes u għalhekk kellmet lill-avukat tagħha li għamel kuntatt mal-avukat tal-konvenut iżda xorta baqgħet ma tħallsitx. L-attriċi esebiet numru ta' irċevuti u ħadet l-isbriga wkoll illi tagħti spjegazzjoni ta' kull irċevuta u telenka f'hiex jikkonsistu waħda waħda.

Dawn l-irċevuti jistgħu jitqassmu hekk:

**Stationeries:**

4 Seasons Stationery: perjodu bejn 22 Ġunju u 15 Novembru - total - €45.92 - sehem il-konvenut - €22.96.

Scribble Stationery: perjodu 25 Lulju - 30 Settembru - total €137.66 - sehem il-konvenut €68.83

Bargate Bookshop: perjodu Settembru, Ottubru - total 28.74 - sehem il-konvenut - 14.37

Arkadia: 25 Settembru - €1.14 - sehem il-konvenut €0.57

Terry's Fabrics - 23 Lulju 2019 - 7.25 - sehem il-konvenut €3.62

Urban Jungle (back pack): perjodu Lulju - total €31.00 - sehem il-konvenut €15.50

Urban Jungle (mini back pack) perjodu Lulju - total 21.00 - sehem il-konvenut €10.50

**Spiżeriji u saħħa**

Sokkors Pharmacy - Perjodu Awwissu - Diċembru - total €42.13 - sehem il-konvenut €21.06

Ta' Pinu Pharmacy - Awwissu - total 10.75 - sehem il-konvenut €5.38

Abela's Centre - Ottubru 29 - €8.68 - sehem il-konvenut €4.34

Dr. Kevin Galea Dental surgeon - €30.00 - sehem il-konvenut €15.00

Psychological Report 15 Lulju 2019 - Rev. Joseph Farrugia - €210 - sehem il-konvenut €105.00

**Uniformi**

Yorkie Clothing: 24 Awwissu - total €64.00 - sehem il-konvenut - €32.00

**Skola / Edukazzjoni**

irċevuti - outings/ skolasajf - total - €15.50 - sehem il-konvenut - €7.75

irċevuti - workbooks €19.00 - sehem il-konvenut €9.50

photocopies/ cards - €18.00 - sehem il-konvenut - €9.00

35 lezjonijiet tal-privat - total €280.00 - sehem il-konvenut - €140.00

**Extra-kurrikulari**

Football memerbship fee - €110 - sehem il-konvenut - €55.00

Euro Sport - Settembru 25 - €28.45 - sehem il-konvenut - €14.22

**Ikkunsidra**

Illi l-obbligu tal-missier li jikkontribwixxi għal dawk li huma spejjes ta' edukazzjoni, saħħa u spejjes relatati ma' attivitajiet extra-kurrikulari tirriżżulta b'mod ċar mill-kuntratt ta' separazzjoni innifsu u dwar dan it-Tribunal ma jarax li wieħed b'xi mod jista' jikkontesta dan. Uħud minn dawn l-irċevuti huma ċari għall-aħħar u għalhekk zgur ma jistax ikun hemm kontestazzjoni dwarhom. Sehem il-konvenut tal-ispejjes li jaqgħu taħt il-kappa ta' spiżeriji u saħħa jammontaw għal €150.78 li huwa raġonevoli għal perjodu minn Lulju sa' Diċembru, partikolarment meta €105.00 minnhom huma spejjes relatati ma' rapport psikoloġiku tat-tifel tal-partijiet li ġie nominat mill-Qorti stess fl-atti tal-medjazzjoni numru 32/2019 ( u għalhekk jissodisfa l-kriterju ta' spejjes li jeċċedu l-€150.00) It-Tribunal jinnota wkoll illi d-dentist Kevin Galea għamel notament dwar il-vista ta' Deyen Vella u kien hu stess illi ppreskriva l-*antibiotics* illi r-rikorrenti xtrat mingħand Abela's pharmacy. Sehem il-konvenut tal-affarijiet l-

oħra li nxtraw minn spiżeriji f'dan il-perjodu ta' ħames xhur jammonta biss għal €25.00, li huwa ferm raġonevoli, fiċ-ċirkostanzi. Għalhekk it-Tribunal jiddikjara minn issa li qed jilqa' l-ammont kollu ta' €150.78.

Illi l-istess jingħad għal irċevuta tal-uniformi mingħand Yorkie. Żgur ma hemmx kontestazzjoni dwar dan u għalhekk sehem il-konvenut ta' €32.00 huwa dovut u għandu jitħallas.

Għal dawk l-irċevuti li għandhom x'jaqsmu ma' Skola/ Edukazzjoni, it-Tribunal jifhem illi huwa impossibbli illi tirċievi irċevuta uffiċjali tal-lezzjoniet tal-privat kif ukoll għal outings u school handouts/photocopies. Pero' r-rikorrent xorta waħda għamlet l-almu tagħha biex tkun trasparenti u insistiet li kemm il-Kap tal-Iskola kif ukoll l-għalliem tal-privat (ċertu F. Azzopardi) jiffirmaw taħt kull partita. Dan jawgura tajjeb u t-Tribunal m'għandux dubju illi dawn huwa dovuti. Il-konvenut kellu kull dritt illi jikkontesta dawn l-ispejjes jekk verament ħaseb illi dawn kienu imbagħbsin, billi jtella' dawn ix-xhieda in kontro-ezami (il-Kap tal-Iskola, l-għalliem jew adirittura l-attriċi innifisha), pero' dan m'għamlux u għalhekk it-Tribunal jaqbel illi sehem il-konvenut ta' dawn l-ispejjes, €166.25, huma dovuti.

Għal dak li għandu x'jaqsam mal-Extra-Kurrikulari, hawn ukoll, sehem il-konvenut għal ħames xhur huwa ferm raġonevoli. L-ammont ta' €69.00 jkopri nofs il-miżata tal-football memerbship fee u nofs l-ispejjes ta' Children's running shoes mingħand il-Eurosport. It-Tribunal jidhirlu illi l-prezz taż-żarbun mhuwiex esaġerat u jaqa' fil-parametri ta' spejjes relatati ma' attivitajiet extra-kurrikulari, u għandu jiġu milqugħ.

Illi għal dawk li huma irċevuta mingħand Stationeries, it-Tribunal jinnota illi ħafna minn dawn l-ispejjes huma relatati ma' kotba, pitazzi, covers, project books, gomom, lapsijiet riġi, u affarijiet oħra relatati mal-iskola. Filwaqt illi dawn huma neċessarji, hu ferm probabbli illi bl-użu dawn jintilfu jew jinkissru u għalhekk ħafna minnhom huma ripetuti. Wara kollox huma intiżi għall-użu ta' tifel zgħir u hija xi ħaġa normali illi dawn jiġu misplaced jew mitlufa. L-istess jingħad għal back-packs mixtrijia f'Lulju - wieħed fit-12 ta' Lulju għal €21.00 u l-ieħor fil-25 ta' Lulju għal €31.00. Huma intiżi għall-avvenimenti differenti fejn

mhux mistenni illi tifel iġorr back-pack kbir meta jista’ jinqeda b’wieħed zgħir. Għalhekk it-Tribunal jidhirlu illi sehem il-konvenut ta’ €136.35 fuq mhedda ta’ ħames jew sitt xhur huwa wkoll raġonevoli.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal ma jistax ma jikkumentax għal fatt illi fir-risposta tiegħu, il-konvenut jagħti x’jifhem illi r-raġuni għaliex hu ma ħallasx kienet għaliex l-attriċi ma tatx spjegazzjoni ċara għal dawn l-irċevuti u li ħafna minnhom kienu mbagħbsin, meta hareġ ċar illi r-rikorrenti kienet trasparenti għall-aħħar u jekk verament il-konvenut xtaq spjegazzjoni, kellu kull dritt illi jagħmel kontro-eżami tal-attriċi u jitlobha kwalunkwe spjegazzjoni li xtaq, jew adirittura jtella’ xhieda oħra u jagħmel ukoll sottomissjonijiet ulterjuri. Dan qatt ma sar u t-Tribunal ma jħossx li huwa fid-dmir jew dover li jissuplixxi hu għal dan in-nuqqas.

Għal dawn ir-raġunijiet jaqta’ u jiddeċiedi illi jilqa’ t-talba tal-attriċi u jikkundanna l-konvenut iħallasha s-somma ta’ ħames mija u erbgħa u ħamsin Euro u sittin ċenteżmu (€554.60). Bl-ispejjes kontra l-istess konvenut.

(ft) Michela Spiteri

Gudikant

(ft) Daniel Sacco

Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur